REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1310

tas-6 ta' Awwissu 2021

li jikkoreġi ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 23(1) u 27(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni bil-lingwa Żvediża tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 [2] fiha test żejjed fl-Anness I (Parti-FCL), is-Subparti A, il-punt FCL.025(b), il-punt 4, li jimplika li tapplika kundizzjoni addizzjonali.

(2) Il-verżjoni bil-lingwa Franċiża tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 fiha żball fl-Anness I (Part-FCL), is-Subparti J, it-Taqsima 2, il-punt FCL.905.FI (c), il-fraži introduttorja, li jbiddel it-tifsira tat-test.

(3) Il-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 fiha żbalji fl-Anness I (Parti-FCL), l-Appendiċi 9, il-Parti B, il-punt 7 "Klassifikazzjoni tal-klassi — baħar", it-tabella, it-Taqsima 1, il-punti 1.5, 1.6 u 1.7 u fl-Anness IV (Parti MED), is-Subparti B, it-Taqsima 2, il-punt MED.B.070 (c), il-punt 3, l-ewwel sentenza, li jbiddlu t-tifsira tat-test.

(4) Għalhekk, il-verżjonijiet bil-lingwa Franċiża, bil-lingwa Ġermaniża u bil-lingwa Żvediża tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 jenħtieġ li jiġu kkoreġuti skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat previst fl-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN